**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 21/2023

**Il-Pulizija**
***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***

Vs

**Raymond Bajada**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Raymond Bajada**, iben Joseph u Angelia nee' Agius, imwieled Pieta', Malta nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 1971 u residenti "Bajada", Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri, Sannat detentur tal-karta tal-identita' bin-numru

425671(M) talli nhar it-tnax (12) ta’ Ġunju 2023 għall-ħabta tas-sitta neqsin għoxrin ta’ filgħaxija (05.40p.m.) ġewwa razzett li jinsab fi Triq il-Għaxra ta’ Ottubru 1942, Sannat u/jew f’dawn il-Gżejjer:

(1) ġiegħel annimal jsofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm jew qabel li jżomm mingħajr ma’ kien responsabbli għat-trattament xieraq tal-annimali;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f’ kull ċirkustanza sabiex jiżgura l-ħtiġijiet tal-annimali responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi pratiċċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-animali li jinkludu fost l-oħrajn l-provvista ta’ ambjent xieraq, provvista ta’ dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta’ akkomdazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi meta ma kienx persuna kompetenti skont il-liġi qatel annimali ta’ razza domestika jew li jippartjenu għal razza selvaġġa iżda li tkun ġiet domestikata, minbarra annimali miżmuna għall-produzzjoni tal-ikel;[4]

---

[1] Artikolu 8(2) tal-Kap. 439.
[2] Artikolu 8(3) tal-Kap. 439.
[3] Artikolu 8(4) tal-Kap. 439.
[4] Artikolu 13 tal-Kap. 439.

(5) u aktar talli fil-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, wara li akkwista jew ġiet f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort'oħra milli għax kellu liċenzja, naqas li minnufih javża lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu fil-kustodja tal-Pulizija jew għand min ikun qed jirraporta l-każ;[5]

(6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.[6]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex jekk il-persuna tinstab ħatja ta' reati li jkunu jikkonsistu f'moħqrija tal-annimali, l-qorti tista' meta tqis li jkun xieraq, b'żieda mal-piena, tipprojbixxi lill-persuna misjuba ħatja milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-Qorti u dan skond il-proviso tal-artikolu 45 (1) tal-Kap.439.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat sabiex jħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska tal-annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attivita regolata taħt il-Kap 439 tal-

---

[5] Artikolu 41 tal-Kap. 480.
[6] Artikolu 5(1) tal-Kap. 480.

Liġijiet ta' Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhirlha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45 (3) tal-Kap. 439.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u taħt l-Att dwar l-Armi (Kap. 480) għall-perjodu applikabbli.

Din l-Onorabbli Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid il-provi li kienu instemgħu sa dakinhar kif wkoll milli jerġgħu jiġu preżentati mill-ġdid id-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali mogħti fit-tlettax (13) ta' Ġunju 2023 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;[7]

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

[7] Fol. 38 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti:

Nhar it-tnax (12) ta' Ġunju 2023 għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17:45hrs) il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati li kienet għadha kemm seħħet sparatura ġewwa ir-razzett magħruf bħala "Tal-Kaħħu" li jinsab f'Sannat u li f'din l-isparatura kienu inqatlu żewġt iklieb. Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post fejn sabu żewġt iklieb – li x'aktarx kienu tar-razza Fox Terrier – mitluqin mal-art bla ħajja. Wieħed mill-klieb kellu ferita mal-ġenb ta' żaqqu u l-ieħor kellu ferita f'għajnejh. Minn investigazzjonijiet preliminari li għamlu l-Pulizija, fil-viċinanzi tal-klieb mejta ma instabu l-ebda munizzjon jew casings. Sadanittant fuq il-post ġiet innutata vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBP 801. Minn tfittxija li għamlu l-Pulizija fil-madwar huma sabu lil Shannon Pisani. Pisani ġie mgħarraf bir-rapport li kien għadu kemm daħal dwar il-klieb li kienu inqatlu. Il-Pulizija riedu jagħmlu tfittxija fuq il-vettura tiegħu. Għall-ewwel dan sab oġġezzjoni għax ried jara l-mandat li jawtorizza tali tfittxija. Madanakollu sussegwentement, wara li l-Pulizija infurmawh li huma kellhom suspett raġjonevoli fih fuq dak li kien għadu kif

seħħ u li għalhekk setgħu jipproċedu bit-tfittxija, huwa aċċetta li ssir tali tfittxija. Minn din it-tfittxija ma rriżulta xejn illegali.

Il-Pulizija tkellmu wkoll mal-persuni li kienu ċemplu għall-assistenza tagħhom u ċioe Alexsandra Jackson u Charmaine Gilson. Dawn ikkonfermaw mal-Pulizija kif kienu semgħu żewġ tiri fejn Charmaine stqarret li rat persuna maskili b'xagħru qoffa safra u meta ġibditlu l-attenzjoni, dan rikeb ġo pick up truck blu u telaq 'l hemm. Iż-żewġ persuni indikaw li dan il-persuna huwa sid ir-razzett tal-baqar u n-nagħaġ iżda ma kinux jafu x'jismu.

Il-Pulizija kisbet informazzjoni li l-persuna involuta seta' kien Raymond Bajada. Il-Pulizija wrew lill-kwerelanti ritratt ta' Raymond Bajada fejn dawn ikkonfermaw mal-Pulizija li Bajada kien il-persuna li kienu raw. Il-Pulizija għamlet kuntatt ma' Raymond Bajada fejn dan ġie mitlub jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex. Bajada mar l-Għassa tal-Pulizija dakinhar stess fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19.30hrs). Wara li ingħata d-drittijiet tiegħu, huwa stqarr li kien ir-razzett tiegħu bejn it-tlieta u nofs u s-sitta u nofs ta' filgħaxija (15:30hrs – 18:30hrs). Huwa ċaħad li kien spara fuq xi klieb anke għaliex m'għandux armi. Il-Pulizija infurmat wkoll lill-Maġistrat tal-Għassa b'dan il-każ li min-naħa tagħha ordnat il-ftuħ ta' inkjesta maġisterjali u innominat għadd ta' esperti sabiex jgħinuha fl-inkjesta. Dak il-ħin stess saret wkoll tfittixija fuq il-vettura Raymond Bajada fil-presenza tal-istess akkużat u fiha ma ġie innutat xejn irregolari.

L-għada l-Pulizija kompliet għaddejja bl-istħarriġ tagħha fejn ġie stabbilit li l-art fejn seħħ il-każ hija propjeta ta' ċertu Michael Sciberras. Mistoqsi dwar il-klieb, Michael

Sciberras kien stqarr li dawn ma kinux tiegħu u li huwa ma kienx jaf ta' min kienu. Sussegwentement, il-Pulizija iddeċidiet li tipproċedi kontra l-akkużat b'rabta ma' dan il-każ.

Ikkunsidrat:

Fi proċeduri penali jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li hija tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-akkużat huma veri u dan għaliex, kif igħid il-Manzini *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.[8]

Ħafna drabi pero ma jkunx possibbli li jinġabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'għandux neċessarjament iwassal għal-liberatorja tal-akkużat. Il-Qorti xorta tista' tistrieħ fuq provi li jkunu ċirkustanzjali għall-sejbien ta' ħtija basta li l-istess provi ċirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konklużjoni waħda.

Lord Hewart C.J. fil-każ **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi ċirkustanzjali bħala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[9] Ħafna drabi l-provi ċirkustanzjali jkunu l-aħjar prova li wieħed jista' jottjeni għaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u ċari tal-aġir tiegħu. Għalhekk kif jgħid l-istess Lord

[8] Diritto Penale Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890
[9] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

Hewart fil-każ suċitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova ċirkustanzjali trid tiġi eżaminata u miflija bir-reqqa biex wieħed ikun jista' jistrieħ fuqha għal sejbien ta' ħtija. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża fil-5 ta' Lulju 2002:

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda . . . . biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit tal-univocita tagħha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju raġjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skont il-liġi."*

Huwa għalhekk li Lord Normand fil-każ **<u>Teper v. R</u>** jikkummenta b'rabta mal-prova ċirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to*

*be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[10]

L-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka: ċioe dik li tipponta esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita. In oltre kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***:

> *"Biex wieħed jistabilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univoċita tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed*

[10] [1952] A.C. 480, PC at 489

*raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita.*[11]

Fi kliem semplici għalhekk jekk f'każ partikolari l-evidenza li tiġi prodotta tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti irriżulta bl-aktar mod ċar li dakinhar tat-tnax (12) ta' Ġunju 2023 għall-ħabta tas-sitta neqsin għoxrin ta' filgħaxija (17:40hrs) xi ħadd spara u qatel żewġt iklieb tat-tip Fox Terrier. Mill-awtopsja magħmula mill-veterinarju Dr Pierre Camilleri irriżulta li dawn iż-żewġt iklieb mietu kaġun tal-feriti li ġarrbu meta intlaqtu minn tiri ta' arma tan-nar. Il-fatt li seħħet tali sparatura hija konfermata wkoll mix-xhieda ta' Charmaine Gilson u Alexsandra Jackson li semgħu l-isparaturi u mill-ewwel semgħu l-għajjat tal-agunija taż-żewġt iklieb.

Minn eżami tal-provi prodotti f'dan il-każ, din il-Qorti għandha dubji kemm tista' – abbażi ta' dawn l-istess provi li ġew prodotti – tasal biex tikkonkludi li l-akkużat kien il-persuna wara l-akkadut u li effettivament kien hu li qatel iż-żewġt iklieb. Il-Qorti lanqas ma tista' tasal għall-konklużjoni li l-akkużat kellu xi rabta ma' dawn iż-żewġt

[11] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

iklieb u li dawn kienu taħt il-kustodja tiegħu.  Dan qed jingħad għas-segwenti raġunijiet:

(a) il-klieb ma kinux reġistrati fuq isem l-akkużat.  Wieħed kien reġistrat fuq isem Philip Bonnici u l-ieħor ma jidher li kien reġistrat fuq ħadd.  Apparti minn hekk ma inġabet l-ebda prova li b'xi mod tissuġġerixxi li l-akkużat kien responsabbli jew inkella kellu taħt il-kustodja tiegħu dawn iż-żewġt iklieb;

(b) għalkemm fix-xhieda li tat fl-atti tal-inkjesta maġisterjali Charmaine Gilson tistqarr li hija rat raġel waħdu jispara lejn dawn iż-żewġt iklieb u li għarfet lil dan ir-raġel bħala persuna li għandu farm tan-nagħaġ fl-akkwati, din ix-xhud baqgħet ma għamlet l-ebda identifikazzjoni vera u propja tal-akkużat fil-kors tal-istess xhieda.  Hija tagħti deskrizzjoni tiegħu imma sa hemm tasal. Għalkemm fl-okkorrenza jingħad li l-kwerelanti ġew murija ritratt ta' Raymond Bajada u identifikaw lil Bajada bħala l-persuna li kien spara, fix-xhieda tagħha Charmaine Gilson ma tagħmilx riferenza għal dan il-fatt.  Ir-ritratt li l-Pulizija wrew lill-kwerelanti għall-fini ta' identifikazzjoni baqa' lanqas ma ġie preżentat f'dawn il-proċeduri.  Lanqas ma ġie preżentat fil-kors tal-inkjesta maġisterjali.

Huwa minnu li xhieda li jkunu xehdu fl-inkjesta maġisterjali ma jistgħux jerġgħu jinġabu biex jagħtu x-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tul il-kumpilazzjoni u dan a tenur tal-artkolu 550(1) tal-Kap. 9.  Pero fl-istess ħin ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Prosekuzzjoni milli titlob permess biex terġa' tiġi mismugħa din ix-xhud a tenur tal-artikolu 550(2) tal-Kap. 9 sabiex

hija tixhed dwar jekk l-akkużat kienx il-persuna li hija rat jispara. Il-Prosekuzzjoni kienet obbligata li tagħmel din il-prova f'dawn il-proċeduri, aktar u aktar meta tali identifikazzjoni ma kinitx saret meta din ix-xhud kienet qed tiddeponi quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Din il-prova ma saritx u l-Qorti ma tistax tagħmel tajjeb hija stess għal dan in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni;

(c) ix-xhud okulari Alexsandra Jackson, l-istess bħal Charmaine Gilson, ma issemmix fix-xhieda li hija tat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti li hija kienet identifikat lir-raġel li spara għall-klieb. Għalkemm hija tagħti deskrizzjoni tiegħu, hija ma issemmix li identifikatu minn xi ritratt li ġie muri lilha mill-Pulizija. Apparti minn hekk kuntrarjament għal Gilson, ir-raġel li Jackson tgħid li rat fejn il-klieb ma ratlux armi tan-nar f'idejh. Tajjeb li jingħad li Jackson ħarġet fil-gallarija sekondi biss wara li semgħet l-isparatura u l-għajjat tal-klieb, tant li wieħed mill-klieb kien għadu ma mietx;

(d) La darba Jackson ma ratx l-arma, sinjal li l-persuna in kwistjoni kien ħeles minnha. Gilson, pero li rat l-arma tan-nar, fix-xhieda tagħha ma tagħti l-ebda ħjiel dwar x'ġara minnha;

(e) għalkemm is-Supretendent Bernard Charles Spiteri fix-xhieda tiegħu jindika li l-persuni li għamlu r-rapport kienu anke indikaw n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li raw titlaq minn fuq il-post, tali numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura ma issemmiex mix-xhieda okulari li suppost raw l-inċident. Għalkemm Alexandra Jackson tippreżenta ritratti tal-vettura li hija rat fuq il-

post, mir-ritratti in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura ma jidhirx. Apparti minn hekk il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DPB 801 indikata mis-Supretendent Bernard Charles Spiteri fix-xhieda tiegħu bħala li kienet tgħajjat lil Raymond Bajada ma jidhirx li kienet l-istess vettura li l-akkużat mar biha l-Għassa u li fuqha saret it-tfittxija mill-Pulizija. Dan għaliex PS 506 fix-xhieda tiegħu jgħid li l-tfittxija li saret, saret fuq vettura Mitsubishi bin-number plate LAA 657;[12]

(f) Il-kwistjoni kollha dwar il-vetturi setgħet tiġi iċċarata li kieku l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil rappreżentant ta' Transport Malta sabiex jippreżenta l-l-log books tal-vetturi indikati. B'hekk kienu jiġu identifikati l-għamla u l-kulur tal-istess vetturi imsemmija kif wkoll fuq min huma reġistrati tali vetturi. Il-Pulizija setgħu wkoll faċilment iffottografaw it-trakk tal-akkużat waqt li dan kien quddiem l-Għassa hekk kif huma kienu qegħdin jagħmlu t-tfittxija fih. Dan kollu kien jippermetti li jsir tqabbil mal-vettura li tidher fir-ritratti esebit mill-kwerelanta Jackson u seta' jiġi stabbilit jekk l-akkużat għandux xi rabta ma' xi trakk simili li jidher fir-ritratti esebiti. Minn dan kollu ma sar xejn. Allura l-Qorti hija sprovvista wkoll minn prova li tista' torbot it-trakk li deher fir-ritratti mal-akkużat;

(g) La fid-dar tar-residenza tal-akkużat u lanqas fil-vettura tiegħu ma instabu armi tan-nar jew xi munizzjon. Lanqas ma instabu munizzjoni jew casings fuq ix-xena tad-delitt. Dan ġie riskontrat mill-Pulizija hekk kif dawn marru fuq il-post hekk kif daħal ir-rapport;

---

[12] Fol. 61 tal-proċess.

(h) It-testijiet tal-*gunshot residue* li saru fuq il-persuna tal-akkużat fis-sigħat immedjatament wara l-akkadut ma taw l-ebda konferma li l-akkużat kien seta' għadu kif għamel użu minn arma tan-nar. Infatti fil-konklużjoni tar-rapport tiegħu Matthew Grima (li kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jagħmel tali testijiet) jistqarr: ***"Ir-riżultati ta' din l-analiżi stabilixxew il-preżenza ta' partiċella waħda (1) tat-tip characteristic u tliet partiċelli tat-tip consistent fuq il-persuna ta' Raymond Bajada. Peress li dawk tat-tip consistent jinstabu wkoll fl-ambjent u l-presenża ta' partiċella waħda (1) tat-tip characteristic hija wkoll sinonima ma' trasferiment sekondarju, wieħed ma jistax jgħid jekk l-oriġini ta' dawn il-partiċelli hix minn arma tan-nar jew oltre."***[13] Huwa minnu li l-akkużat irrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jittieħdu kampjuni intimi minn fuq il-persuna tiegħu għall-fini sabiex isiru testijiet ta' *gun shot residue*. Pero tenut kont li xorta ittieħdu kampjuni mhux intimi għat-testijiet tal-*gun shot residue* minn fuq idejn l-akkużat, minn xagħru, mill-ħwejjeġ li kien liebes u minn *tissues* li huwa kien qed jagħmel użu minnhom u dawn ma taw l-ebda konferma dwar użu ta' arma tan-nar, din il-Qorti ma temminx li ċ-ċirkustanzi huma tali li jistgħu jwassluha biex tagħmel xi forma ta' inferenza minn dan ir-rifjut tal-akkużat għar-rigward dak li seta' seħħ;

(i) mill-provi prodotti jidher li immedjatament wara li seħħ l-akkadut, għal xi ħin kien hemm separatament fuq il-post tlett (3) persuni li kollha għandhom rziezet fl-inħawi: (i) kien hemm il-persuna li irriferew għaliha l-kwerelanti fid-

[13] Fol. 175 tal-proċess.

deposizzjoni tagħhom bit-trakk tiegħu, liema persuna l-kwerelanti indikaw li għandu razzett fl-akkwati; (ii) kien hemm Shannon Pisani li ġie mitkellem mill-Pulizija wara li l-Pulizija innutaw il-vettura DBP 801 fuq il-post; u (iii) Michael Sciberras, li fix-xhieda tiegħu qal li ra l-klieb mejtin fl-art hekk kif tela' mir-razzett tiegħu. Tenut kont li jidher li f'ħinijiet differenti kien hemm tlieta min-nies differenti fil-post fejn seħħ l-akkadut li kollha għandhom rziezet fl-akkwati u ma saritx identifikazzjoni vera u propja tar-raġel li raw il-kwerelanti, il-fatt li l-akkużat għandu razzett fl-akkwati ma jistax jitqies li huwa element probatorju qawwi u ċar biżżejjed li jorbot lill-istess akkużat mal-akkadut;

(j) għalkemm l-akkużat seta' għażel id-dritt li jibqa' sieket tul l-istqarrija tiegħu, kif kellu kull dritt li jagħmel, huwa għażel li jwieġeb għad-domandi kollha li sarulu u konsistentement caħad li huwa kien spara u qatel lill-istess klieb. Dak li sostna l-akkużat fl-istqarrija miegħu ma ġie kontradett bl-ebda prova oħra. Il-Qorti tinnota wkoll kif lanqas ma inġab xhud mill-uffiċju tal-Pulizija biex jiġi konfermat jekk fil-verita l-akkużat għandux jew kellux armi reġistrati fuq ismu. Dan biex anke tiġi verifikata l-korrettezza o meno ta' dak li l-istess akkużat stqarr tul l-istqarrija tiegħu u cioe li attwalment m'għandux armi reġistrati iżda li kellu armi reġistrati fuq ismu fil-passat għall-fini ta' kaċċa.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-evidenza kollha prodotta mhix tali li tista' twassal għall-konklużjoni ċara u inekwivoka li l-akkużat kellu xi rabta ma' dawn iż-żewġt iklieb kif wkoll li kien l-akkużat u ħadd aktar li spara u qatilhom. Id-dubju għandu

jmur favur l-akkużat u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tillibera lill-akkużat mill-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużat Raymond Bajada ħati** tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**